# Melita Agricola.

RIVISTA TA' CULL XAHAR

LI TOHROĠ MILL-UFFICCIU TAL-BIEDJA.

**L-ewwel Sena ]** **Jannar, 1933.** **[ Numru 2.**

## *Il-Biedja f'Jannar.*

(*Prof. J. Borg, MA., M.D., Suprintendent tal Biedja.*)

Titlobx xita f'Jannar, jgħid il-bidwi Malti; u l-bidwi Talian jgħid l-istess ħaġa. *Gennajo secco, villano ricco*, jigifieri Jannar niexef u bidwi għani, għaliex ix-xita kawwija f'Jannar actar tagħmel ħsara milli tagħmel gid fir-raba'.

Jannar huwa xahar tax-xogħol u tażżrigħ, u t-tokol tal-ilma ma jiswiex ħlief biex in-nebbiet taż-żara' jisker u biex icun xchiel għax-xogħol. Dana ma jfissirx li wara li niżirgħu ma nixtiekux li tagħmel xi bexxa xita, biex tgħin it-tnebbit.

Jannar hu l-aħjar xahar biex tiżra' l-patata għall prodott il-cbir, għaliex għal bicri trid tizra' kabel. Jgħidu li l-aħjar żrigħ tal-patata huwa bejn San Pawlijiet, jigifieri bejn San Pawl ta' Jannar u San Pawl ta' Frar, u dana jgħodd tajjeb għall-inħawi tar-Rabat, imma għal bkija ta' Malta mir-Rabat l-isfel lejn Marsaxlocc u lejn il-Mellieħa iż-żrigħ irid isir kabel. Iż-żrigħ tal-patata l-aħjar li jsir mill-ewwel tas-sena sal-għoxrin ta' Jannar, u jecc ma jcollocx ilma għattiskija, tagħmel ħażin tiżra' wara l-aħħar tax-xahar.

F'Jannar jinżara' il-kamħ ta' Susa jew it-tomnija, u kamħ ieħor tar-rebbiegħa, li jrid jinżara' mwaħħar; u għal ħabta tat-Tre Re jew Għid-il-Hamiem, jinżara' il-ful tal-ħamiem, li jitwassal bl-ilma u jgib il-flus għax jilħak għal l-imwaħħar.

F'Jannar issir l-ewwel tindifa taż-żara' u tas-silla, mir-refgħan tal-ħaxix ħażin kabel dana jibda jżerragħ.

Il-bidwi jaf tajjeb li ma għandux jaħdem l-art fit-tjun għaliex tinkaras, il-wiċċ imur lura floc il-kuddiem, u l-art actarx tibka' makrusa sa chemm jgħaddi is-sajf u tilħak ix-xita tal-ħarifa, u dan ifisser li inkas l-uċuħ tas-sajf ma jgħaddu il-kuddiem fuk art makrusa, l-iżjed jecc it-trab icun ħamri u grass.

Iżra' l-cosbor u l-iscalora u għall-aħħar tax-xahar tista' tibda tiżra l-chemmun wil-ħlewwa, chif ucoll il-għosfor.

F'Jannar titħawwel il-gidra tal foss u tibka' titħawwel cull xahar sa' Awwissu.

F'dan ix-xahar u biċċa mid-dieħel titħawwel il-frawli u jitħawwel l-ispraġ u l-basal.

Il-busbies, il-crafes tar-rokba, il-currat u l-carduni jew żannur nimburġawhom biex jibjadu.

Iżra' jew ħawwel il-ħass, u iżra' l-piżelli għal prodott imwaħħar.

Iżra' l-ħmiemel tal-basal biex icolloc basal irkik għal pickles; u tista' tibda tħawwel il-cabocci tar-rebbiegħa u tas-sajf.

Taħt xi ħajt tal chenn, jew aħjar taħt il-bkajjak mgħottija bil ħġieġ jinżara' it-tadam bicri, il-bringiel u l-bżar fi ħmiemel mgħobbija sewwa bid-demel misjur·

Dan ix-xahar wid-diehel huma l-aħjar xhur għat-tnissil tal-frott irkik.

Min għadu ma żarax il-lewż morr jew lewż ħelu biex irabbieh jew biex ilakkam fuku jfittex jiżirgħu, u aħjar li kabel jiżra' jxarrbu fl-ilma għal xi ġurnata, jew tnejn, jew igenġlu xi ftit, biex ifittex jinbet.

Hawwel bcejjeċ jew frieġħi ta' l-isfargel, tat-tuffieħ ta' Billudja, taż-żagħrun, tal-pruna u tal-pruna salvaġġa jew prajn.

Hawwel xtieli jew radicar tal-lewż, tal-ħawħ, tan-nuciprischi, ta' l-isfargel, tat-tuffieħ ta' Billudja, taż-żagħrun, tal-pruna, tal-prajn, tal-berkuk, taż-żorba ta' l-amerena u taċ-ċirasa, tal-lanġas u taż-żiju jew lanġas salvaġġ.

Lakkam bil-feles dan il-frott collu; il-lewż, il-ħawħ u n-nuciprischi fuk il-lewż, l-għanbakar jew pruna fuk il-lewż, fuk il-pruna salvaġġa u fuk il-prajn; il-berkuk fuk in-nebbiet tal-berkuk, jew fuk pruna salvaġġa u fuk il-prajn; fuk il-lewż jakbad ucoll imma ma jorbot katt tajjeb. Lakkam it-tuffieħ ta' Billudja fuk it-tuffieħ salvaġġ u fuk iż-żagħrun; il-lanġas fuk il-lanġas salvaġġ jew żiju, fuk l-isfargel u fuk iż-żagħrun.

F'dan ix-xahar u d-diehel jitħawwel ucoll it-tin, il-gewż, iż-żinżel, il-pumacannella, it-tut u ċ-ċawsri u id-dwieli, u cull siġra oħra li tinża' mill-werak fix-xitwa.

F'dan ix-xahar u fid-diehel jinżabru u jitnaddfu min-naka ta' frieġħi niexfa u morda, cull siġra tal-frott li tinża' mill-werak fix-xitwa.

Tista' tlakkam bil-feles it-tin u l-gewż, chif ucoll id-dwieli. Imma d-dwieli aħjar tlakkamhom għat-tard, jigifieri mita jidħol Frar; il-ħawħ, in-nuciprischi u il-lewż, aħjar tlakkamhom għal ħruġ Dicembru jew cmieni f'Jannar, kabel ma l-lewż icun tħarrek.

It-tin irid jinżabar jecc mhux cull sena, 'mkar cull sentejn, biex jagħmel frott capaci, u l-istess ħaġa it-tut. It-tuta li ma tinżabarx ma tagħmelx frott sabieħ; għalhecc tismaħħom jgħajtu *Zabbarija it-tut!* Jitħawwel ir-rummien u jitnissel bil-bcejjeċ jew bit-tarkid.

---

*Navżaw lil dawc collha li fi ħsiebhom iħawwlu d-dwieli Americani ix-xitwa li gejja li jfittxu jniżżlu isimhom fl-Ufficciu tal Biedja, (f'Għawdex, fil Villa Rundle, ir-Rabat, u f'Malta, fl-Ufficciu tal Ġonna Pubblici, Sant Anton, Ħattard), u jgħidu ucoll x'għadd ta' dwieli għandhom bżonn, chif ucoll x'għamla ta' dwieli iridu għal l-art tagħhom. Kabel ma jinchitbu għandhom jitchellmu ma wieħed mill-Istrutturi tal Viticoltura, u dana wara li jara r-raba' fejn iridu jħawwlu jew icun jaf sewwa x'raba' hu, jatihom il-parir tiegħu x'għamla ta' dwieli jcunu jakblu għal dac ir-raba'. Il-bdiewa actarx li għadhom ma tgħallmux chif jgħażlu id-dwieli għal l-art tagħhom, u għalhecc għandhom jifthu għajnejhom li ma jħawlux id-dwieli f' raba' ieħor għajr dac li fuku jcunu tħaddtu ma l-Istruttur, għaliex għandu mnejn dac ir-raba' ma jcunx tajjeb għal dic l-għamla ta' dwieli, u ma jirnexxuhomx. Il-bdiewa ta' Għawdex tefgħu għajnhom wisk fuk ir-Rupestris du Lot (jgħidulha huma id-dielja berkukija), imma għandhom icunu jafu li għal bajjad u għar-rakkak trid tcun id-dielja Chasselas-Berlandieri, u għal ħamri jew għat-turbazz jagħżlu il-Berlandieri jew xi ibridi tagħha bħal ma huma Berlandieri* × *Riparia* 420A, 420B, 34E, *jew* 157-11.

# Il-patata gdida bicrija nett għas-suk ta' l-Ingħilterra.

(*Prof. J. Borg, M.A., M.D., Suprintendent tal-Biedja*).

Cull sena tul ix-xahar ta' Frar, Marzu u April, mic-Channel Islands, li huma Jersey u Guernsey, tmur fis-swiek ta' l-Ingħilterra, u l-iżjed fis-suk ta' Covent Garden, f'Londra, cotra cbira ta' patata bicrija nett, li ggib il-belli flejjes, u tinħataf għal fuk l-imwejjed tas-sinjuri ta' hemm. Is-sena l-oħra marret patata minn Jersey u Guernsey għal £900,000 lira! U ma nafx il għaliex aħna l-Maltin m'għandniex icollna sehem f'dan in-negoziu. Din il-patata hija collha patata romblija, ta' għamliet mgħarufin bl-isem ta' Sharpe's Express, Up-to-date, Royal Kidney, Majestic, May Queen, Epicure, British Queen u oħrajn bħalhom. Imma is-sabieħa hi li din il-patata trid tinkala' kabel ż-żmien, kabel ma tilħak tingħamel, jigifieri mita l-patata tcun għada bajd, ta' daks minn pulzier sa tliet pulzieri, mikjusa mit-tul. Mita tinkala', din il-patata ma jcolliex iżjed minn xaharejn, u icun jonkosha xi xahar u nofs ieħor biex il-frott jasal fid-daks tiegħu u x-xitla tmajna, tinxef u tasal għal kliegħ. M'hemmx bżonn ngħidu li din il-patata makluħa hecc cmieni u kabel il wakt, tcun għada ilma u tinbarax minn xejn, u mita timbarax tiswied. Xi barxa 'l hawn u 'l hinn mhux difett cbir, imma jecc tcun mibruxa wisk, ticrieh u titlef wisk mil prezz tagħha. Għalhecc jigimgħuha bl-icbar rekka ġò cannestri ta' l-injam, jew tal virgħi, micsija bil canvazz artab, biex il-patata ma timbaraxx, u jippacchiawha ġò caxxi ta' l-injam tawwalin, maksumin fi tnejn mil wisa', li jcunu jesgħu minn 35 sa 50 libbra patata. Il-caxxa għandha tinchesa bil carti oleati, u l-patata għandha tigi stivata tajjeb, b'taħlita ta' serratura u torba fina mniddija chemm chemm bl-ilma biex tibka' frisca. Din il-patata hi hecc tarija li tibka' timbarax malajr b'sebgħec, u għalhecc hija stmata li timbiegħ mill-inkas minn -/6d. sa 1s. 6d. il-libbra li jgibu minn £4. 7. 6. sa £13. 2. 6. il-kantar!

Issa ħalli naraw b'dawn il-prezzijiet x'jakbel wieħed jagħmel. Din il-patata hija patata ta' lussu cbir, u għalhecc timbiegħ b'dawc il-prezzijiet tal għaġeb, imma li chiecu bakgħet ticber fl-art, floc li nkalet kabel il wakt, chienet tati prodott għallinkas ħames darbiet icbar fil piż milli ħadna, jigifieri għal cull kantar li ħadna conna nieħdu ħamsa, imma dawn il-ħames knatar ma chienux sejrin igibu actar minn ħmistax il-xelin il-kantar, u għalhecc dejjem icun jakblilna, u jakblilna wisk fil wisa', li nakbdu s-suk tal bicri. Għaliex cos il-bidwi huwa neguzjant, u l-iżjed li jimpurtah hu li jitħallas sewwa tax-xogħol tiegħu, u mhux li jokgħod iħares lejn il-prodott tar-raba' biex jara chemm hu sabiħ. Inbagħad jecc il-bidwi jakla' l-patata hecc cmieni, minn ħruġ Jannar sa dħul Marzu, xi jżommu li ma jarġax minnufih jiżra' l-patata, għax għadu żmien iż-żrigħ, u jieħu prodott chif imiss minn fuk l-art chif għada ma neheddet xejn bil wiċċ bicri ta' kabel, u hecc jigi jieħu żewġt uċuħ patata mill-istess art u fl-istess staġun? U jecc ma jridx jarġa jiżra' l-patata dejjem jista' jieħu wiċċ bħajra jew uċuħ oħra li jitolbu art maħduma u mdemmla.

Tgħiduli għalfejn ngħamlu din il-patata bicrija kabel ma naraw li hemm suk tajjeb għaliha? Dina mhix ħlief ħaġa ta' ftehim bejn il-bidwi u n-neguzjant. In-neguzjant huwa dejjem lest biex jakbad in-negozju, u billi chif għedna, il-bidwi huwa negozjant ieħor, il-ftehim isir malajr, imma hemm bżonn li dan in-negozju isir sewwa u bir-rekka collha, biex jinżamm is-suk, u

icun ta' gid għal cullħadd. Chien jixrak wisk li chiecu chellna xi agent Malti fis-suk ta' Covent Garden, f'Londra, —agent li jcun mħarreġ sewwa fuk x' jitlob is-suk ta' Londra, u li jfittex l-interessi tan-neguzjanti u taħ-bdiewa ta' Malta.

Kabel ma nispiċċaw, ngħidu chelmtejn fuk iż-żerriegħa għal din il-patata hecc bicrija. Semmejna liema huma l-għamliet ta' patata li għandhom jinżergħu għal dan ix-xogħol, u ntennu li fosthom l-aħjar huma Sharpe's Express, May Queen, Up-to-date, Majestic u Epicure. Issa sejrin ngħidu li għal dan iż-żrigħ ma hemmx bżonn ngibu iż-żerriegħa minn barra' cull sena; mhux biss, imma jaħbat aħjar li nużaw żerriegħa li saret f'Malta. Għalhecc mill prodott tas-sajf nistgħu inżommu iż-żerriegħa għaż-żrigħ tax-xitwa, imma minn floc li niżirgħuha għal Settembru għal wiċċ tax-xitwa, nerfgħuha fix-xott u fir-rwieħ u niżirgħuha għal ħruġ Novembru jew dħul Dicembru, *kabel* in-novena tal Milied. Xi għaxart ijiem kabel ż-żrigħ, dina ż-żerriegħa tidnaddaf mir-raħs li jcollha, (ir-raħs m'għandux jingibed jew jinchiser bl-idejn, imma għandu jitkaċċat bil mus!) u nħalluha għall-arja b'xi bexxa ilma fukha biex tarġa tismen, u tiħdar, u taħbat traħħas mil ġdid. Inbagħad tinżara' bħas-soltu, u nsibu li din iż-żerriegħa tinbet u sseħħ malajr, u tati wiċċ sabiħ ta' patata żgħira u tarija, li jilħak cmieni għal ħruġ Jannar jew dħul Frar u li jgħodd wisk għan-negozju li semmejna.

---

# *Mard tal Kamħ u ta' Cereali oħra.*

(*P. Borg, F.C.S., F.Z.S., Filopatologu tad-Dipartiment tal Agricoltura*).

(*Tissocta man-numru ta' kabel.*)

---

Bosta huma l-insetti jew dud illi jmissu l-kamħ f'dawn il-Gżejjer, iżda l-ebda wieħed minnhom ma jagħmel ħsara cbira lil prodott wakt li jcun fil għalka. Mita jcun maħżun, il-kamħ jista' jsofri ħsarat cbar mill-insetti, l-actar jecc icun maħżun ħażin, jew jigi maħżun wara li jcun infett bil bajd ta' dana d-dud. Naraw liema huma dawc l-insetti li jmissu l-ucuħ tal kamħ u taċ-cereali l-oħra.

COLEOTTERI jew HANFUS.

Fost il-ħanfus l-actar wieħed li jagħmel ħsara fil kamħ fl-istat aħdar, jigifieri mita jcun kiegħed jicber fil għalka, huwa *Zabrus gibbus*, "il-ħanfusa ħod-bija tal kamħ". Din il-ħanfusa sewda, tlekk, mil-lewn il-katran, u ftit ħamranija in-naħa taż-żakk, tmiss il-kamħ, ix-xgħir, il-kamħ-ir-rum, u cull xorta ta' cereali. Mita tcun għada larva, jigifieri mita tcun għada dudu u tcun għada ma ħaditx l-għamla tagħha ta' ħanfusa, tiecol il-werak, u mita ssir ħanfusa tmiss ucoll iż-żbula.

F'Settembru-Ottubru jidhru l-insetti perfetti li jcunu ħarġu mil fosdka tagħhom għal ħabta' ta' Ġunju u bakgħu moħbija fil ħamrija. Hafna minn dawn l-insetti actarx li jmutu bix-xita jew jinġarru ma l-ilma u jgħerku, iżda dawc li jiscappaw jaħsbu għal bejta. Mita jinbet il-kamħ il-friegħ iduru għax-xtieli żgħar u jkaċċtuhom mill kiegħ, u wara, mita l-kamħ icun issaħħaħ biż-żejjed biex ma jcollhomx ħila jkaċċtuħ, iduru għal werak. F'Mejju id-duda titbiddel f'ninfa, jigifieri tagħmel il-fosdka, u f'Ġunju joħorġu il-cbar chif

għedna. Sa dat-tant il-cbar li jcunu bakgħu ħajjin mis-sena ta' kabel jħejnu ruħħom miż-żbul li jcun kiegħed isajjar.

Ma hemm ebda rimedju efficaci biż-żejjed għal dan l-insett, iżda huwa mgħaruf li l-ħanfusa tfittex ucoll in-nigem u fuk din il-pianta tgħaddi il-biċċa il-cbira taż-żmien tagħha ma tul is-sena. Għal dakshecc tcun għajnuna cbira contra dan l-insett jecc wieħed jieħu ħsieb jekred in-nigem minn fuk l-artijiet tiegħu.

Ftit ħanfusiet oħra jagħmlu ħsara lill kamħ billi jieclu l-għeruk. Dawn huma:

*Pentodon punctatus*—"Il-bugħawwar".

*Agriotes lineatus*—"In-niġma".

*Cetonia aurata*—"Il-ħanfusa tal ward".

Il-bugħawwar huwa saħta fuk certi artijiet frischi, fil wiedien u ma ġenb il-baħar, chif ucoll fis-sakwi, fejn cull sena jagħmel ħsarat ta' mijiet ta' liri lill gabillott. Fl-istat adult, jigifieri mita jcun ħanfusa perfetta, huwa ta' culur iswed, ftit actar minn nofs pulzier, madwar il $\frac{5}{8}$ ta' pulzier, bl-elitri jew il-ġwienaħ iebsa, immarcati b'ticchi rkak kieshom gidri. Mita jcun larva jew dudu u jicber sewwa, icollu żakku jew l-addome mgħawweġ u mita jcun laħak, jeħxien quasi daks saba'. Imiss mhux biss il-kamħ, ix-xgħir, il-kamħ-ir-rum u cereali oħra, iżda ucoll id-dwieli, il-patata, it-tabacc, ic-cicwejra, l-indivia, il-ħass, il-cromb, u l-għelejjel collha tas-sakwi. L-isvilupp tiegħu jieħu diversi snin, minn tlieta sa erba' u m'hemmx rimedju għalieh ħlief il-klib tar-raba', mita bix-xogħol jinchixef u jigi espost għax-xemx u għal bard, chif ucoll għal l-għasafar li jieclu d-dud, bħal ma huma l-għasafar tal bejt, iċ-ċawl, il-pettirross, l-isturnell, il-beccafik, it-tajra safra u oħrajn.

In-niġma hija dudu twil xi pulzier u nofs, ta' culur isfar sabieħ, oħxon daks zocc tan-nigem u bħalu bil għakiesi. Minn dan ix-xebħ ħadet l-isem tagħha. In-niġma m'hix ħaġa oħra ħlief *il-larva* ta' ħanfusa tawwalija ta' culur cannella scur, ftit muswafa u bil caxex ta' ġwienħajja rigati. Din il-ħanfusa hija magħrufa tajjeb minn nies tar-raba' u specialment mit-tfal, għaliex mita ttir tagħmel ħoss li għalieh isejħula bl'isem ta' żarżur, għalchemm taħt dan l-isem huwa magħruf ucoll farfett li jiecol il-kamħ maħżun, u li bħal din il-ħanfusa mita jtir jagħmel l-istess ħoss bi ġwienħajh.

Il-ħanfusa perfetta tidher għal April u Mejju u fil pront tbid, actarx fil egħlieki tal kamħ. Il-friegħ li jfakksu malajr, jibdew biex jieclu l-għeruk tal kamħ li bejniethom icunu fakksu, u minn xi dakkiet jidħlu gewwa z-zocc fejn jitilgħu sa l-ewwel jew it-tieni għacsa. Mita jitneħħa l-kamħ jibkgħu fil ħamrija jistennew prodott ieħor u billi f'dan l-istat ta' larva il-ħanfusa tgħix minn 2 sa 4 snin jista' wieħed jaħseb jecc tilħakx tagħmel ħsara. Barra mill kamħ tmiss ucoll ix-xgħir, il-kamħ-ir-rum u ċ-cereali l-oħra collha, it-tabacc, it-tadam, il-patata u cull xorta ta' ħxejjex. Għal-dakshecc insibuha abbondanti ħafna fis-sakwi.

Fil pajjiżi ta' l-Ewropa din il-ħanfusa bosta drabi irwinat għal collox l-uċuħ tal kamħ. Imsemmija huma il-ħsarat cbar li għamlet din il-ħanfusa fl-Isvezia fl' 1778, fl-Inghilterra fl' 1816, 29, 38, 40, 41, 42, 45, 46, fl-Italia fl' 1885, 86, 87, 88. F'dawn l-occasionijiet il-prodott chien ftit actar mill 5°/₀ milli chien imissu jcun.

M'hemmx rimedju tassew efficaci għal din il-pesta. Ix-xogħol u l-klib tar-raba' jgħejn biex inakkas in-numru billi jicxef l-insetti għax-xemx. Fl-Italia ikabbdu lit-tfal jiġbruhom wakt ix-xogħol. Fuk ir-raba' tafli, jecc jigi mgħoddi bir-romblu, ħafna mid-dud imut.

Il-ħanfusa tal ward hija ħanfusa ħadra, tlekk bir-riflessi tad-deheb u twila $\frac{3}{4}$ ta' pulzier. Fir-rebbiegħa narawha tiecol il-blanzuni tal ward flimchien mal busuf. Tbid għal nofs is-sajf, ftit l-isfel mill ħamrija u ħmistax wara jitwieldu il-friegħ. Dawn il-larvi jcunu taħt għamla ta' dud muswaf, bir-ras cannella u bit-tarf ta' wara minfuħ bħal bużżieka. F'dan l-istat jibkgħu ma dwar tliet snin kabel ma jsiru ħanfusa perfetta chif narawhom jittajru.

Barra mill kamħ, xgħir, u cereali oħra tmiss ferm l-egħruk tad-dwieli, chif ucoll l-egħruk ta' quasi l-ħxejjex collha, u l-ħsara li tagħmel hija ftit iżgħar minn dic tal bugħawwar. Ir-rimedji li semmejna għal bugħawwar huma tajba ucoll għal din il-ħanfusa.

Hanfusa oħra li tagħmel ucoll xi ftit tal ħsara cull sena fil kamħ hija s-susa mukrana tal kamħ, *Agapanthia gracilis.* Dawc illi jżommu t-tiben minn sena għal oħra għall bżonnijiet tagħhom, jaraw ta' cull sena, għal ħabta' ta' Marzu, it-tiben jintela b'ħanfus mukran irkik, twil, iswed jew griż. Din il-ħanfusa fir-rebbiegħa tbid mal mitejn bajda, waħda waħda, maz-zocc tal kamħ. Minn dan il-bajd jofkos dudu irkik li jidħol jgħaw-war fiz-zocc u jibka' tiela l-fuk. Mita il-pianta tal kamħ tcun waslet biex tnixxef, id-dudu jarġa jinżel l-isfel u jagħmel il-fosdka fit-tarf taz-zocc, u hemm jibka' jistenna r-rebbiegħa ta' wara biex joħroġ ħanfusa perfetta. Il-pianti tal kamħ minsusa minn dan id-dud ifarfru ż-żbula, u f'xi pajjiżi, specialment ġò Franza, mita l-kamħ jimrad sewwa jista' jintilef minnu sa terz tal prodott.

M'hemmx rimedju għal dan l-insett. Ġò Franża, mita jidher bil cotra, jużaw jaħarku it-tiben wara id-dris, sabiex inakksu l-infezzjoni.

### ORTOTTERI.

F'din l-ordni ta' nsetti hemm ħafna għamliet bħal ma huma il-wirdien, il-ġurati, il-grilli, u billi l-ġurati huma l-actar impurtanti fosthom, insejħulha minn issa il-kuddiem l-ordni tal ġurati.

Ma hemmx bżonn ngħidu illi l-ġurati huma għedewwa ta' collox u għaldaks-hecc huwa xierak li jiġu ccunsidrati weħedhom, l-actar billi dawn l-insetti, li ftit jew wisk dejjem insibuhom fil egħlieki jagħmlu ħsara cbira mita jiġu minn barra, u mhux mita jitnisslu fil post.

F'din l-ordni, kalb il-grilli, insibu il-buharrat, illi chif jaf culħatt jagħmel cull sena ħsara cbira mhux biss liż-żara', iżda wcoll lix-xtieli żgħar tat-tabacc, tat-tadam, u ta' l-erbaggi collha, billi jkaċċat il-pianti minn fuk l-egħruk. Dan l-insett icraħ ta' culur cannella, għamla ta' grillu, bil ġwienaħ kosra u b'sakajħ ta' kuddiem ħoxnin u mfattra biex iħaffer bihom, issibuħ malajr fil ħmiemel tas-sakwi msokkija frischi, billi minn fejn jgħaddi jaksam u jerfa' il-ħamrija kiesu kiegħed jaħrat l-art b'moħriet żgħir. Ibid għal April u il-friegħ joħorġu ħmistax wara ta' l-istess għamla tal cbar. L-ichel tagħhom pro-prju, mita jsibuħ, huma insetti oħra, ħniex tal ħamrija u bebbux jew bugħarwien, u għal daskhecc jistgħu jin-tgħaddu ma l'insetti meħtieġa, iżda mita ma jsibux dan l-ichel iduru għal pianti cultivati u allura actarx jagħmlu wisk actar ħsara minn gid. Lill-kamħ u lix-xgħir, chif ucoll lill-kamk-ir-rum jiecluIu l-għeruk.

Bosta huma l-mezzi użati sabiex jiccumbattu dan l-insett. L-aħjar rimedju huwa li wieħed jati l-bisolfur lill-art per mezz ta' strument magħmul apposta, li huwa l-injettur Pal. Hemm ucoll preparati patentati bħal ma huma il-Vaporite u ic-Cymenol. Jużaw ucoll jagħmlu għalf bil fosfur taż-żincu, 2°/o; f'dan il-cas l-għalf icun nuħħala mgħaġuna, jew ħobs mxarrab, iżda dan l-għalf ma hemmx bżonn ngħidu icun periculuż ħafna għal l-annimali. Jistgħu ucoll jsiru nases billi wieħed jordom recipienti tax-xakkuf jew landa fl-art, livell ma l-wiċċ. Il-buħarrat huwa wgħaddej jaka' fihom. Nases oħra jistgħu jsiru bil ħuxlief. Dan jigi mholli fil għalka u taħtu jħobb jistaħba l-buħarrat, iżda f'dawn il-gżejjer dan ir-rimedju ma tax risultati tajba biż-żejjed billi l-ħitan tas-sejjieħ joffru ripar aħjar. F'ħafna pajjiżi jużaw idawwru ix-xtieli tat-tabacc, tat-tadam, u ta' pianti oħra bi ċrieket tal landa ogħlja żewġ pulzieri u nofs.

### EMITTERI.

Kalb l-Emitteri, li jgħoddu magħhom il-bakk, il-kamel, il-briegħed u l-misct tas-siġar, il-Fillossera u nsetti li jixbhu-hom, insibu żewġ *Aphidi*, jew briegħed tas-siġar, li jmissu l-kamħ u cereali

oħra. Dawn huma *Toxoptera graminum* il-bergħud tal kamħ, u *Sipha maydis*, il-bergħud tal kamħ-ir-rum.

Dawn iż-żewġ insetti jmissu l-actar lil kamħ-ir-rum u culltant jagħmlulu il-ħsara billi ma jħalluħx jicber, iġegħdulu il-werak u jgħakksuħ wakt li jcun kiegħed jakta' ż-żbula. Il-bergħud tal kamħ huwa ta' culur aħdar u l-bergħud tal kamħ-ir-rum huwa ta' culur iswed, iżda chif għedna it-tnejn actarx insibuhom fuk il-kamħ-ir-rum biss, għaliex il-bergħud tal kamħ ftit imissu dan il-wiċċ, għalchemm imiss ħafna ucoll lil karamboċċ. F' xi pajjiżi dawn l-insetti jatu fastidju sewwa w l-gabillotti sabiex jeħilsu minnhom, wara snin ta' mard cbir, jużaw jiżirgħu il-kamħ ftit kabel iż-żmien tiegħu jew jiżirgħu varietajiet oħra ta' kamħ actar bicrija.

LEPIDOTTERI jew FRIEFET.

Fost il-friefet hemm bosta illi jagħmlu ħsarat cbar lill-kamħ maħżun u lit-tiben. Lill dawn nitchellmu minnhom actar tard. Liż-żara' aħdar m' hemmx ħlief wieħed li jagħmillu xi ftit tal ħsara, u kalb ic-cereali l-actar li jfittex huma ix-xgħir u l-kamħ-ir-rum. Dan il-farfett jew baħrija hija *Plusia gamma*, magħrufa bħala l-baħrija tal-ittra Y tal fidda, għaliex fuk il ġwienaħ ta' kuddiem iggib l-ittra Y tlekk kiesa fidda mburnita. Hija baħrija ta' għamla tkila culur griż bil marca li semmejna, u tagħmel ħsara cbira mhux biss lix-xgħir u lill-kamħ-ir-rum, iżda ucoll lill-cromb, lill-pitravi, lill-kara', lit-tabacc, lill-ful u lill-piżelli, u mita jidħrilha lill-chemmun. Din il-baħrija jew farfett għandu ucoll id-drawwa li jemigra minn pajjiż għal ieħor, u din hi ir-raġuni li għaliha culltant naraw quantità cbira minn dawn il-friefet jittajru mingħajr ma ncunu nafu mnejn gejjin. Fortunatament dan il-farfett għandu bosta għedewwa li jnakksu n-numru tiegħu. Kalb dawn insibu ħafna għasafar, specialment l-għasfur tal bejt, u xi insetti li jniggżuħ wakt li jcun larva jew dudu jiecol il-werak, u jbidu gewwa fih. Fost dawn l-insetti l-actar wieħed ta' gid hija dubbiena li jisimha *Phorocera pavida* li tekerdu f'kasir żmien.

---

# *Il-mogħoż u d-deni rqiq.*

*Hon. Prof. Sir T. Zammit, Kt., C.M.G., M.D., Hon.D.Lit. (Oxon).*

---

Jinħtieġ li n-nies tifhem sewwa illi l-mogħża li tati l-ħalib timrad aktar minn bhejjem oħra bid-deni rqiq u, mita tkun imniġġsa, ixxerred sewwa bil-ħalib kemm ukoll bl-awrina tagħha ż-żerriegħa tad-deni rqiq, mhux biss fost il-bhejjem li jmissu magħha iżda fost in-nies li jgħixu magħha jew jixorbu l-ħalib tagħha. Dan il-lum ħadd ma jista' jiċħdu għax jafuh it-tobba tad-dinja kollha b'dak li raw f'Malta, fi Sqallija, fl-Italja, fi Franza, f'Tunes u fl-Arġiel, u sa f'ħafna pajjiżi tal-Amerki.

Mis-sena 1907 sal-lum, ħamsa u għoxrin sena sħaħ, ilna nafuh dan u l-Gvern għamel kull ma sata', bid-dawl li kellu, biex ma jħallix tixxerred il-marda. Nefaq eluf tal-liri biex ifittex il-mogħoż morda u jeqridhom jekk isibhom imniġ-

ġsa biex isalva n-nies, u mita t-tobba sabu li l-ħalib ma jatix id-deni rqiq linnies jekk jigi mgħolli, għamel liġijiet li fil-ħwienet u fil-lukandi ma jistax jinbiegħ ħalib mhux imgħolli u xandar kemm felaħ fil-gazzetti u saħansitra filknejjes li l-ħalib għandu dejjem jitgħalla għalbiex tonqos din il-misħuta marda li qiegħda tifni u ttellef ix-xogħol lil ħafna nies.

Li kien wieħed jaħsibha sewwa, isib li aħna nimirdu bid-deni rqiq għall-għażż, għax biex tgħalli ftit ħalib u la trid għerf u lanqas telf ta' flus jew ta' żmien.

Il-lum nafu bis-sħiħ li mita l-ħalib jitgħalla għal ftit minuti ma jibqax imniġġes u deni rqiq ma jatix sgur. Mita il Kummissjoni tal 1904-1907 rat li bilgħali tista' teqred iż-żerriegħa tal-marda, il Militar u n-Navy ordnaw li s-suldati u l-baħrin ma għandhomx jixorbu ħalib li ma jkunx tgħalla. Is-suldat u l-baħri ordni ma jiksirhiex, u hekk insibu li minn dak in-nhar id-deni mill-quartieri u minn fuq iġ-ġfien inqata' għax il-ħalib tgħalla kif riedu s-superjuri.

Lill-poplu ma sata' ħadd jipperswadih li l-ħalib għandu jitgħalla, għax lillpoplu twissih biss tista' imma tordnalu ma tistax.

Hekk baqa', b'għajb kbir tagħna, li ilħalib igħallih min jogħġbu u, sew għax kien hemm min ifesfes li mhux tas-sew li l-mard ġej mill-ħalib sew għaliex min kien imdorri jixrob il-ħalib kif jieħdu mill-mogħża, ma riedx jitlef iż-żmien igħallih, ftit qagħdu għalli qalu t-tobba u l-kotra l-kbira tan-nies baqgħet tixrob ħalib bla mgħolli.

Naraw x'ġara......

Il Militari u tan-Navy li qabel il-Kummissjoni kellhom mat-300 kas ta' deni, fis-sena, hawn Malta, f'qasir żmien, ma kellhomx kas wieħed għax ħalib talmogħża mhux imgħolli nqata' minn fosthom għal kollox; fil-poplu, jaħasra, li qabel il-Kummissjoni konna nsibu mhux iżjed minn 300 kas fis-sena ta' deni rqiq, id-deni baqa' jiżdied u l-lum nistgħu niftaħru li wasalna biex naqraw fir-rapporti tas-Sanità li qiegħed ikollna ma' dwar l-elf u ħames mitt kas fis-sena (1,500).

Jidhirli li wasal iż-żmien li wieħed jara jagħmilx xi ħaġa aħjar milli jippriedka li l-ħalib għandu jitgħalla għax bil-kliem, milli nara, ma naslu mkien.

Fi żmiem il-Kummissjoni, in-nies kienet tgħid: "Kif nafu li dal gwaj ġej kollu mill-mogħża"? Qalulhom. Dan nafuh għax it-tobba sabu li nsabet fil-ħalib iż-żerriegħa tal-marda u għax ġara fatt li ġagħalna naraw b'għajnejna kemm hu minnu dak li qalu t-tobba. Araw kif kienet il-biċċa:—fl-1905, wieħed Amerikan ġie Malta biex jixtri mogħoż għal pajjiżu. Xtara 61 mogħża u erba' gidjien mill-aħjar li sab u għabbiehom fuq il-vapur jismu "Joshua Nicholson". Abbord kienu 27 ruħ. Minn dawn innies, li kienu kollha dejjem b'saħħithom, sa ma waslu New York 6 xteħtu morda bid-deni rqiq, u dawn is-sitta sabu li ma' tul il-vjaġġ xorbu ħalib frisk minn erba' mogħżiet li żammew taħt idejhom. It-tobba ta' New York malajr invistaw il-mogħoż u sabu li xi wħud mill-mogħoż kellhom fil-ħalib iż-żerriegħa tad-deni rqiq. Dan kollu ġie ippublikat fl-1907, u l-poplu sata' fetaħ għajnejh fil-ħsara li kien jista' jġib miegħu il-ħalib talmogħża mhux imgħolli. Kif għedna qabel, il-poplu deherlu li jaf aktar mittobba u baqa' sejjer kif kien qabel.

Għalhekk naħseb li l-lum, li għandna rajna f'idejnha, imissna naraw kif wieħed jeħles minn din il-ħsara li qegħda ssir f'ġisimna u f'butna.

---

# *Iż-Żebbuġ.*

(*J. Briffa, M.B.E., Suprintendent tal Ġonna*).

Is-siġra taż-żebbuġ hi waħda mis-siġar l-iżjed kodma li gew mdaħħla f'pajjiżna. Scond l-istoria jinagħad li eluf cbar ta' siġar taż-żebbuġ chienu fi żmien kadim jeżistu f'dawn il-gżejjer, u li fis-seclu ħmistax, mita dawn is-siġar chienu fl-aħjar tagħhom, chien isir mil prodott tagħhom quantità cbira ta' żejt, li chien jigi msiefer cull sena, u għalhecc Malta chienet imsejħa "caricator d'olio", jigifieri esportatura taż-żejt. L-aħjar artijiet chienu mħawlin bis-siġar taż-żebbuġ. Ir-raħal ta' Ħaż-Żebbuġ ħa dana l-isem imħabba il quantità ta' siġar taż-żebbuġ li chienu mħawlin ma dwaru (1). Iżda fis-seclu tmintax chienet saret domanda cbira għall-koton, u imħabba f'hecc gew imneħħija mis-siġar taż-żebbuġ l-aħjar artijiet biex flochom jigi ccultivat il-koton. Jingħad li 80,000 siġra taż-żebbuġ gew maklugħa. Minn dac iż-żmien il-cultivazioni taż-żebbuġ għaż-żejt giet għal collox abbandunata, u il f'dal tas-siġar taż-żebbuġ li bakgħu mħawlin 'l hawn u 'l hemm servew biex il-frott tagħhom jigi immarinat jew jitkiegħed fis-salmura għall-ichel. Il prodott taż-żebbuġ mil ftit siġar li jeżistu illum mhux biż-żejjed għal consum cbir ta' żebbuġ li hawn fil pajjiż, u għalhecc tigi mdaħħla f'pajjiżna cull sena quantità cbira ta' żebbuġ għas-salmura biex tcompli il bżonn tal pajjiż, li tkum ħafna flus.

Fil pajjiż ma hawnx cultivazioni specializzata tas-siġar taż-żebbuġ li jis-tgħu jiġu sistematicament magħżuka, mdemmla u miżbura. Il ftit siġar taż-żebbuġ li għandna huma ftit jew xejn iccurati, iż-żabra ma ssirx fi żmien wieħed, u billi jinsabu mxerdin u imħawlin ma taħwil ieħor, l-art ta' taħthom ma tigix maħduma u mdemmla chif imiss għalihom.

Illum li kegħdin jittieħdu passi biex il-biedja tigi l-kuddiem, hemm bżonn ucoll li wieħed jaħseb biex ticber il cultivazioni tas-siġar taż-żebbuġ, li hi branca mpurtanti tal industria agricola, specialment mita il condizioni tal clima u tal-art tagħna hija favorevoli għal dina il-cultivazioni chif rajna fl-imgħoddi. B'dana l-ħsieb huma mictubin dawn in-noti fuk il cultivazioni specializzata u t-tnissil tas-siġar taż-żebbuġ.

## CURI CULTURALI.

Għal cultivazioni specializzata hemm bżonn li x-xitel jitrabba f'mixtla fejn hu iżjed iccurat, jicber b'saħtu u tajjeb.

Ix-xitel fil mixtla jissakka darba fil gimgħa ma tul is-sajf, u darba cull tlieta jew erba' gimgħat fi żmien ieħor. Mita x-xitel jigi mħawwel f'postu, għandu jissakka spiss sachemm jakbad sewwa. Siġar li jagħmlu l-frott jissak-kew minn tlieta sa ħames darbiet ma tul is-sena, scond il qualità ta' l-art u l-condizioni tal post.

L-art għandha tigi mgħażuka mill-inkas tliet darbiet ma tul is-sena: Novembru-Dicembru; Jannar-Frar; Marzu-April, biex jinżamm ħafif it-trab u tista' tidħol fih l-arja u l-ilma tax-xita, u jinżamm frisch, u biex ucoll jinkered il-ħaxix ħażin. Hemm bżonn illi ssir attenzioni fix-xogħol li ma ssirx ħsara bl-imgħażka lill-għeruk tal wiċċ, specialment ta' dawc il varietà ta' żebbuġ li l-għeruk tas-siġar tagħhom għandhom drawwa li jicbru fil wicc.

Id-demel jgħin il-frott jgħakkad u jeħxien, iżda jecc id-demel icun abbundanti iż-żejjed, iżid fil produzioni tal werak, u imħabba f'hecc jonkos il-frott.

Fil cultivazioni specializzata jakbel li mad-demel tal annimali jintgħata ucoll lil cull siġra ħamest artal perfosfat minerali, ratal sulfat ammonicu, u ratal sulfat putassicu, cull tliet snin.

(1) Mhux biss *Ħaż-Żebbuġ*, imma wcoll *Iż-Żejtun*, *Għajn Żejtuna*, u bnadi oħra ta' Malta, u *Iż-Żebbuġ*, *il-Għasri*, *Wied-iż-Żejt*, u il *Cnisja taż-Żejt*, Għawdex. U xi ngħidu għall-*imgħasar taż-żejt* li spiss jinsabu mirduma taħt l-art. (*Nota tad-Direzioni*).

Ix-xitel imrobbi fil mixtla kabel ma jigi mħawwel f'postu għandu jigi maħsud tul tliet piedi, u mil friegħi li tarmi x-xitla mal ġnub jinżammu tlieta jew erba' friegħi mkassmin sewwa mal parti ta'fuk taz-zocc, li l-kuddiem jiffurmaw il branchi principali tas-siġra, u cull waħda minn dawna il-friegħi tigi miżbura sa 8 jew 12 il pulzier. Fis-sena ta' wara mil friegħi secondarji li joħorġu minn cull fergħa principali jinżammu tnejn jew tlieta, u dawn ucoll jinżabru sa 8 jew 12 il pulzier. Dan il metodu ta' żabra jibka' sejjer għall-ewwel erba' snin. Wara dan iż-żmien iż-żabra tcun inkas ħarxa, u tcun ticconsisti billi wieħed ineħħi n-niexef, u il-friegħi żejda li jcunu ma xulxin. Għas-siġar li jatu l-frott hi raccmandata żabra moderata f'Jannar-Frar.

### It-tnissil.

Is-siġar taż-żebbuġ jistgħu jitnisslu:—

(1) Biż-żerriegħa.

(2) Bil bcejjeċ.

(3) Bir-radicar.

(4) Bil ġidra.

(5) Bit-tilkim, tant bil koxra chemm bil feles.

(6) Bit-tarkid.

Is-siġra taż-żebbuġ spiss toħroġ tajba miż-żerriegħa, iżda t-tnissil biż-ġerriegħa isir l-iżjed biex wieħed icollu material fukhiex jlakkam.

Jecc iż-żerriegħa tinżara kabel tigi trattata b'wieħed mil metodi li sejjer insemmi iżjed il kuddiem, bosta minnha iddum ma timbet għal sena u għal iżjed ucoll. Iddum dakshecc ma tinbet imħabba iż-żejt u l-ebbusija tal għadma li jzommu id-dħul tal-ilma.

Hu raccmandat:

1. Iż-żerriegħa għandha tittieħed minn frott misjur sewwa (iswed).

2. Iż-żerriegħa għandha tinżara' fl-istess staġun, wara li l-għadma tigi mifruda mil frotta.

3. L-aħjar żmien għalbiex tiżra hu ix-xahar ta' Novembru.

4. Kabel ma tinżara' iż-żerriegħa għandha tigi ittrattata b'wieħed minn dawn il metodi:

(a) Taħsel iż-żerriegħa għal bosta drabi bir-ramel u l-ilma, u wara tonkox ħafif it-truf tagħha. B'dana l-metodu it-tnebbit icun generalment 80-85 fil mija, u iż-żerriegħa timbet wara 4-6 gimgħat.

(b) Taħsel iż-żerriegħa bir-ramel u l-ilma bosta drabi. F'dan l-cas it-tnebbit icun ta' 60-65 fil mija, u iż-żerriegħa timbet iżjed bil mod minn ta' kabel (a).

(c) Ix-xarrab iż-żerriegħa għal tnax il-sigħa f'soluzioni 2-3 fil mija fis-soda caustica. B'dana l-metodu il germinazioni taż-żerriegħa tcun 70 fil mija, iżda iż-żerriegħa ddum iżjed ma timbet mil cas ta' kabel (b).

(d) Ix-xarrab iż-żerriegħa f'soluzioni tal gir virġni għal jumejn jew tlieta. F'dana l-cas it-tnebbit hu 25 fil mija, u iż-żerriegħa ddum ma timbet iżjed minn dic trattata bil metodi collha li semmejt kabel (a), (b), (c),

Chif naraw l'aħjar metodu hu l-ewwel wieħed (a), għalhecc il-ħasil bir-ramel ineħħi iż-żejt u jrattab l-għadma, u it-tinkix tat-truf jgħin iż-żerriegħa timbet. Barra minn Malta jeżistu macni speciali għal dana ix-xogħol, u anchi biex tagħżel l-għadma mil frotta.

Chif għedna iż-żerriegħa l-aħjar li tinżara' f'Novembru mita jinġabar il frott, iżda jecc wieħed ma jistax jiżraħha f'dan ix-xahar, tista' tintrafa bejn saffi tat-trab tal werak biex iżżomm frisca, u tinżara' fix-xahar ta' Frar jew fil bidu ta' Marzu.

Iż-żerriegħa tinżara' fi ħmiemel, fi trab imħallat tajjeb bid-demel u trab tal werak. Ix-xitel jigi mħawwel wara sena.

Wara sena jew tnejn li x-xitel icun ilhu fil mixtla jigi mlakkam bil varietà li wieħed icun irid.

Hu raccmandat li jintgħata demel azotat mita is-siġar icunu fil mixtla.

It-tnissil bil bcejjeċ isir f'Jannar jew Frar. Il bcejjeċ jittieħdu generalment tul ta' pied, u nofs pulzier jew pulzier ħxuna. Hu mgħaruf li l-ħxuna tal bcejjeċ hi ta' impurtanza, iżjed ħoxna ma tcun il-biċċa iżjed takbad malajr.

It-trab għal bcejjeċ għandu jcun ħafif u mrammel biex jigi meħlus il periclu li l-bcejjeċ jitherrew.

Bcejjeċ minn frieghi ta' sena jistgħu jiġu użati u jatu risultat tajjeb. Dawn għandhom icunu pied tul bi tnejn jew tliet werkat; għandhom jitħawlu fir-ramel u jitkegħdu ġo bakika sachemm jagħmlu l-għeruk; wara jiġu mħawlin.

It-tnissil bil bcejjeċ mhux tant raccmandat għaliex mhux malajr wiehed isib quantità cbira ta' bcejjeċ tad-daks tajbin għat-taħwil, u minn xi dakkiet il-bcejjeċ ixenxlu bid-difficultà.

It-tnissil bir-radicar hu użat ħafna f'dawna il-gżejjer. Ir-radicar għandu jigi mneħħi bl-attenzioni collha mis-siġra, mita jcollha mill-inkas sena żmien. Ir-rimi tal ġnub jitneħħa wiz-zocc principali jinħasad sa żewġ piedi tul, u jitħawwel fil mixtla żewġ piedi jew żewġ piedi u nofs bejn cull xitla, u żewġ piedi u nofs jew tliet piedi bejn cull linja.

Il-pianti fil mixtla għandhom jissakkew spiss almenu darba fil gimgħa ma tul is-sajf. Ir-radicar jigi l-aħjar imħawwel minn Dicembru sa Frar.

It-tnissil bil bcejjeċ tal gidra tas-siġra hu metodu ieħor preferit mil bdiewa tagħna li jridu jnisslu iż-żebbuġ malajr, jew mita ir-radicar jcun scars, jew mita jridu jutilizzaw xi siġra kadima. Bcejjeċ tal gidra minn siġar kodma jittieħdu, jitħawlu u jissakkew sachemm jagħmlu l-għeruk, u wara jitħawlu f'posthom. Minn xi dakkiet jiġu mħawla mill-ewwel fil post.

Il varietà Chemlali tigi mħawla b'dana l-metodu fl-Algeria u t-Tunisia.

It-tnissil taż-żebbuġ isir bit-tilkim, tant bil koxra chemm bil feles, fuk xitel miż-żerriegħa li jcollu mhux inkas minn sena żmien.

It-tilkim bil koxra fuk frieghi kodma ma jirnexxix hecc tajjeb chif jirnexxi fuk frieghi mezzani jew irkak.

Biex jirnexxi, il-koxra għandha tinkala' mita l-għajn tcun waslet biex tarmi. Jecc tinkala' mita tcun riekda iddum wisk iżjed ma titħarrek.

L-aħjar żmien għat-tilkim bil koxra hu minn Marzu sa Settembru.

It-tilkim bil feles ma tantx hu praticat, barra minn fuk xi siġra kadima. Wara lit-tilkima tcun kabdet, is-siġra li fukha tcun saret it-tilkima m'għandiex tinħasad malajr għaliex icun iżjed galbu li l-fergħa principali tinħasad ftit ftit sachemm it-tilkima ticber xi pied tul. B'dana l-mod jigi scansat il periclu li tinxef it-tilkima.

Is-siġar mrobbija minn xitel taż-żerriegħa mlakkam huma iżjed għammiela, iżjed b'saħħithom u jgħixu żmien iżjed twil minn dawc mnisslin bil metodi l-oħra. L-unicu svantaġġ li hemm contra l-użu tax-xitel miż-żerriegħa hu li jgħaddi żmien iżjed sachemm is-siġra tibda tati l-frott.

Jistgħu ucoll is-siġar taż-żebbuġ jitnisslu bit-tarkid, iżda dana l-metodu mhux użat għaliex it-tarkid irid quasi sentejn sachemm ixenxel għeruk sewwa, u hu difficili li jinsabu frieghi sura li jistgħu jitrakkdu,

Insabu bosta varietà ta' żebbuġ fil gżejjer tagħna. Barra miż-żebbuġ Malti, żebbuġ Bitni—li għandu l-privileġġ li ma tmissux id-dubbiena — għandna ucoll żebbuġ ta' Marsala, żebbuġ ta' Skallija, żebbuġ ta' Verona, żebbuġ Franciż, żebbuġ Abjad, żebbuġ ta' Spanja. Varietajiet oħrajn jistgħu jiġu mdaħħla u ippruvati, bħal Chemlali, Leccino, Piangenta, għaż-żejt; Ascolano, Cucco, Bello di Spagna, għas-salmura; Manzanillo, Coreggiolo, Mission, għaż-żejt u għas-salmura.

L-akwa fost l-għedewwa tas-siġra taż-żebbuġ hi id-dubbiena taż-żebbuġ (*Dacus Oleae*), li tagħmel ħsara wisk cbira lill-frott. Diversi rimedji gew suggeriti, iżda l-aħjar rimediu, facili u pratticu, hu li tigi controllata minn certi parassiti (jigifieri minn dud ieħor li jgħix minnha) particolarment l-Opius. Fit-Tripolitania u fit-Tunisia id-dubbiena ftit li xejn tagħmel ħsara għaliex li svilupp tagħha huwa ccontrollat minn dawn il-parassiti.

# *It-Tigieġ.*

*Minn Alfred Azzopardi, D.Sc. (Agr.), A.I.C., B.E.A.*
*Direttur tal Camp. Sperimentali u Organizzatur tal-Biedja.*

---

IT-TORBIJA TAT-TIGIEĠ.

It-torbija tat-tigieġ hija meħtieġa wisk. Hawn Malta ma tantx jatu cas tagħha, u min għandu erba' tigigiet iżommhom quasi bħala capriċċ, biex jagħlifhom u jiġbor il-bajd, jecc ibidulu.

Mhux hecc isir barra minn Malta; it-tigieġ jiccurawhom mill-aħjar, u minnhom jakalgħu ħafna flus. Hemm nies li kegħdin għaldakshecc, jigifieri li jrabbu numru cbir ta' tigieġ, u l-quantità ta' bajd li jieħdu minn dawn iħallulhom kliegħ cbir.

Ġò l-America, l-Inghilterra, u f'pajjiżi oħra cbar, kegħdin isiru studji minn għand l-akwa nies fuk it-tigieġ, sabiex isibu il-cura ta' certu mard tagħhom u biex icunu bajjadin iżjed. Jcun dmirna li nżommu rwieħna infurmati mill progressi collha li jsiru fuk din l-industria, nagħmlu xi prova, u ngħallmu lil dawc collha li jinteressaw ruħhom fiha. Biex nuricom il-ħtieġa ta' din l-industria, jigifieri tat-torbija tat-tigieġ,—u dan li sejjer ngħid il-bdiewa li chienu l-Awstralia jew l-America jafuh tajjeb—ġò l-Inghilterra il-produzzjoni tal bajd hija wisk iżjed mill produzzjoni tal kamħ; fil Canada hija iżjed min-nofs il-produzzjoni tal kamħ; fl-Australia iżjed mil quart tas-suf li tieħu minngħaġ; fl-America hija iżjed mil-laħam u mil kamħ, fil wakt li c-Cina tipproduci bajd għan-nies tagħha (li tgħodd 475 miljun) u tibagħad f'artijiet oħra b'erba' miljuni liri. Għal cuntrarju hawn Malta jidħol bajd minn barra b'somma sabieħa ta' £ 10,000 fis-sena.

Jecc il-bdiewa ta' Malta u Għawdex jieħdu bis-serietà it-torbija tat-tigieġ u jagħrfu jrabbuhom, icollna bajd mhux x'nakdu il-popolazzjoni tagħna biss, iżda jibkalna ż-żejjed, u ncunu nistgħu nesportawħ fl-Inghilterra u ndaħħlu chemxa flus fil pajjiż. L-ingliżi jiccunsmaw ħafna bajd u jimpurtaw dan l-articolu b'miljuni ta' liri cull sena. Din l-industria tista' ssir tant fil cobor chemm fic-ċocon, scond il-capital li wieħed irid jimpiega. Illum jinsabu fostna rgiel u nisa ta' l-iscola li huma bla xogħol, u li chiecu dawn jatu rwieħhom għal din l-industria għandhom jakelgħu il-flus, basta kabel xejn jitgħallmu l-ewwel chif irabbu it-tigieġ. Jista' wieħed jibda bil ftit u biż-żmien dejjem icabbar; l-importanti hu li jibda b'bajd tajjeb,—jecc icun minn ta' tigieġ ta' razza sabieħa aħjar; — iżomm u jitma t-tigieġ tajjeb. Chif għandna nżommuhom u nitimgħuhom nitchellmu f'numri oħra ta' din ir-rivista.

IL-PRODUZZJONI TAL BAJD.

Il-pajjiżi li ħadu din l-industria bis-serietà, għandhom tigieġ li cull waħda minnhom tbidilhom minn 200 sa 250 bajda fis-sena, u nies li specializzaw fit-torbija tat-tigieġ biss, jieħdu 300 bajda fis-sena u iżjed ucoll minn xi tigieġ tagħhom. Dan il-bajd icun "first grade", jigifieri li jcun jiżen mhux inkas minn ukitejn ingliżi. Dana jagħmluh għaliex jecc il-bajd icun żgħir, in-numru ma jcun jgħodd xejn. Dan il-bajd collu joħduh biss minn tigieġ mnissla minn razez puri. Nies ta' scienza sabu li l-produzzjoni tal bajd hija ereditaria, vuoldiri tigieġ mnisslin minn oħrajn bajjadin, joħorġu bajjadin ucoll, u sriedac li jitnisslu minn tigieġ bajjadin mita jgħammru ma tigieġ li jbidu ftit, it-tigieġ li joħorġu minnhom icunu jbidu iżjed. Sabiex infihem aħjar ingib dan l-eżempju:—natu cas li nlakkgħu serduc mnissel minn tigieġa li tbid 200 bajda fis-sena ma tigieġa li tbid 100 bajda, it-tigieġ li joħorġu minnhom icunu jbidu ma dwar 150

bajda fis-sena. Għalhecc l-Americani jgħidu "the cook is half the flesh", jigifieri is-serduc jiswa nofs it-tigieġ.

Gewwa l-Polonia, l-Irlanda u f'dan l-aħħar ġò l-Italia, ir-ricorrew għal sriedac magħżula, jigifieri mnisslin minn tigieġ bajjadin biex icabbru l-produzzjoni tal-bajd, u b'hecc irnexxilhom jgħollu il-media. Mit-tfittix li għamilt ir-risulta li cull tigieġa ras għal ras tbid minn 80 sa 90 bajda fis-sena, jigifieri tbid chemm chemm tifdi l-ichel tagħha, jecc wieħed icollu jixtrih. Xi bdiewa jgħidu, aħna l-ichell ma nixtruhx, ma nofkux flus fih; imma dan mhux sewwa, għaliex jecc jistgħu jieħdu minn tigieġa 150 jew 200 bajda fis-sena għandhom joħduhom. Imbagħad mhux il-bdiewa biss irabbu t-tigieġ, għaliex dawn huma meħtieġa għal min għandu tfal, xjuħ jew morda, barra minn dawc collha li huma *allevaturi*, voldiri dawc li jagħmluh b'negozju. Dawn collha jridu l-għalf għall-ichel tat-tigieġ tagħhom u mita tigieġa dbidilhom 80 jew 90 bajda fis-sena, tcun swiet l-ichel tagħha biss.

### IR-RAZEZ TAT-TIGIEĠ.

Fil kabil tat-tigieġ hemm żewġ taksimiet: waħda scond il-pajjiż ta' l-origini tagħhom; għalhecc għandna it-tigieġ ta' kabil american, ingliż, franciż ecc. u għandna taksima oħra basata fuk il-ħtieġa tagħhom, li fil cas tagħna hija l-iżjed mħarrġa, u għalhecc ingibu lilha. Scond din it-taksima għandna (1) razez għal bajd, (2) għal-laħam, (3) għal bajd u għal-laħam, (4) Fancy. Din id-distinzioni chif nuri iżjed il-kuddiem, ma hemmx għalfejn teżisti iżjed, imma nsibuha tajba biex tgħaraf ir-razez waħda minn oħra.

Ir-razez tat-tigieġ bajjadin jiccomprendu tigieġ ta' għamla piuttost żgħira, u dawn huma ir-razez tal Mediterran, bħal Leghorns, Minorca, Ancona. Ir-razez tat-tigieġ għal-laħam, insejħulom hecc, mhux għax ma jbidux,—għalchemm mhux daks l-oħrajn,—imma għaliex ix-xogħol (funzioni) principali tagħhom huwa il-laħam. Dawn huma r-razez tal Asia, Brahma, Cochin, Langshan. Ir-razez tal bajd u tal-laħam l-ewwel ma gew mnisslin mill-americani u mill-ingliżi. Dawn it-tigieġ ħuma bajjadin u d-daks tagħhom huwa bejn ta' dawc li semmejna. Jiccomprendu il-Plymouth Rocks, Rhode Islands, Light Sussex u oħrajn. Hemm imbagħad razez oħra li nsejħulhom "Fancy" u jiccomprendu ir-razez ornamentali, ta' ġmiel, mħalltin, ecc., l-iscop ewlieni ta' dawn ir-razez la hu il-produzzjoni tal bajd u l-ankas tal laħam, imma huma miżmumin għal lussu.

### IR-RAZEZ ADATTATI GHAL MALTA.

Liema hija l-aħjar razza li wieħed irabbi ? Nirrispondu li 'llum il-ġurnata, mita tant progress sar fuk it-torbija tat-tigieġ, cull razza hija tajba, basta it-tigieġ icunu mnisslin minn oħrajn ta' demm tajjeb, jigifieri li jcunu gejjin minn razez ta' tigieġ bajjadin, f'saħħithom, li għandhom il-carattri tar-razza u li is-sriedac chienu mnisslin minn tigieġ bħal dawn li semmejna issa. Cull tigieġa mnissla chif semmejna għandha tcun tajba.

Għal Malta ir-razez li nirraccmandaw huma l-Leghorns, il-Plymouth Rocks, u l-Rhode Islands. Dawn huma razez ta' pregiu cbir għaliex fukhom saret l-ictar għażla ta' rekka, jigifieri sar studju, li permezz tiegħu it-tigieġ li ma chellhomx il-carattri tar-razza, ma chienux b'saħħithom jew mumhiex bajjadin chienu jiġu scartati. Billi r-razza Leghorn giet mrobbija fid-dinja collha, din ir-razza ta' tigieġ chienet influenzata mil condizzjonijiet ambientali, jigifieri il-clima, l-art u l-ichel tal-pajjiż fejn trabbiet chienu caġun li din tiddibdel ftit. Għalhecc insibu li hemm leghorns australiani, leghorns ingliżi u oħrajn, imma chemm f'din ir-razza chif ucoll f'oħrajn it-tibdil huwa wisk żgħir u generalment jiccosisti fil piż. Min irid informazioni dettaliata fuk dawn il-varietajiet u fuk oħrajn nirriferuħ għal ctieb "Poultry Club Standard" jew "Standard of Profession". Fuk l-ewwel wieħed jimxu l-imħallfin

ingliżi fil wirjiet tat-tigieġ biex jatu l-premijiet, u fuk it-tieni jimxu l-americani.

B'dana collu nerġgħu ngħidu li għandna naraw in-nisel minn fejn it-tigieġ huma gejjin, għaliex hemm leghorns tajba u hemm leghorns ħżiena. Dan huwa pont importanti ħafna għal min irid jibda sewwa din l-industria; ngħid jibda sewwa għaliex ma jservi xejn li jcolloc nisel tajjeb, jecc it-tigieġ icunu miżmuma u mitmugħa ħażin. Li ma chienx minħabba id-differenza ta' bejn nisel u ieħor, ma nispiegawx chif dawc li jrabbu t-tigieġ u jbigħu il-bajd għat-tkegħid minn l-istess razza ta' tigieġ ibigħuħ 12 il-xelin it-tużżana u bajd ieħor ibigħuħ £5 it-tużżana.

### IR-RAZEZ TA' MALTA.

Malta ma hawn l-ebda razza ta' tigieġ speciali: ħafna jsostnu li t-tigieġa s-sewda hija tigieġa maltija; dan huwa żball cbir, u min jgħid hecc juri li ma għandux il-principji elementari tal genetica, li hija scienza sperimentali fuk l-eredità. Hawn Malta ma għandniex ħlief tigieġ gejjin minn ħafna taħlit ta' razez. Naturalment fil cas ta' Malta ir-razez ma setgħux icunu oħrajn ħlief dawc tal Mediterran, għalhecc it-tigieġ ta' Malta huma tigieġ piuttost żgħar, ħfief u b'għamla oħra li biha tgħaraf ir-razez tal Mediterran minn razez oħra. Il-culur iswed ma jfisser xejn, dan huwa culur li jaħkem fuk il-culuri l-oħra, għalhecc it-tigieġ joħorġu ħafna minnhom suwed. Dac li ma joħorġux collha suwed mhux il-mument li ngħidu għax niġbed fit-tul wisk, u dan huwa suggett li l-bdiewa ma tantx jifmuħ, imma min irid xi nformazzjonijiet aħjar, jigi l-Ufficciu tal-Biedja, il-Belt, u nfhemu iżjed fit-tul. Li t-tigieġa sewda ma hix razza pura jista' wieħed jaraħ billi jagħmel tkegħida minnhom u mbagħad jara chif joħorġu. Sewwa s-sriedac u chemm it-tigieġ ma jcunux perfettament l-istess, chif chiecu chienu jcunu minn razza pura. F'dawn l-aħħar snin gew mdaħħla f'Malta diversi razez ta' tigieġ, l-ewwelnett leghorns minn l-Australia; imma l-Maltin għandhom f'demmhom li ma jżommux razez puri, imma jagħmlu mill-aħjar biex jibbastardiawhom. Dana jsir mhux fuk it-tigieġ biss imma fuk l-annimali collha.

### IL-BŻONN LI NRABBU RAZEZ PURI.

Il "*mongrels*", jigifieri tigieġ ta' ħafna taħlit ta' demm, għandna niscartawhom, għaliex in-nisel tagħhom icun wisk differenti fl'għamla u għalhecc ma jcollna ebda deheh biex nagħmlu l-għażla. Fit-tigieġ ta' razez puri dan jista' jsir u dawc it-tigieġ li ma jakblux fl-għamla tar-razza, jigifieri li ma jcunux jirrendu, jistgħu jiġu mneħħija minnufih, kabel ma nindunaw li għandna t-telf wara l-incunu diġa rabbejnihom. F'pajjiżi li fil biedja huma wisk il-kuddiem iżjed minnha, dawc li kegħdin għat-torbija tat-tigieġ, wil-bdiewa ucoll, irabbu razez *puri biss*, iżda dan għal issa ma nistgħux nippretenduħ mil bdiewa tagħna collha. Għamilt din l-osservazioni għal dawc collha li jrabbu t-tigieġ li nistennew minnhom certu grad ta' istruzioni u li m'humiex bdiewa. L-industria tal biedja għandha ħafna frieġħi (branches) u biex trabbi t-tigieġ m'hemmx bżonn tcun bidwi. Iżjed il fuk semmejt chif permezz ta' serduk tajjeb tista' iżżid il quantità tal bajd; għal mument il-bdiewa tagħna jcunu jistgħu jirricorru għal dan il-mezz u l-kuddiem mita jcunu mgħallmin iżjed fuk dan is-suggett, iżommu razez puri, imma jecc jibdew jagħmlu hecc mil-lum, jagħmlu wisk aħjar. Dac li għandhom contra tagħhom ir-razez puri huwa li għandhom inkas saħħa għall-mard. Fi cliem ieħor ir-razez puri jridu iżjed attenzioni, u dac li jrabbihom, jecc icun jaf l-iscola jista' jagħmlu, mentri l-biċċa l-cbira tal-bdiewa ftit jatu cas it-tigieġ tagħhom.

# Il-Ġlata.

(*Prof. J. Borg, M.A., M.D., Suprintendent tal Biedja*).

Il-bidwi tagħna il-mell tal patata, chemm fuk il-werak u chemm fuk il-faxxina dara' jgħidlu ġlata, kabel ma sar jaf li dan huwa mard, u mhux ġlata. Jiena llum sejjer nitchellem mil ġlata, il vera ġlata li hija ġejja mil chesħa tal-ajru, u mhux mil mard. Din il-ġlata tidher fix-xhur tal chesħa, jigifieri minn Dicembru sa Marzu. Xi drabi tbaccar iżjed, u xi drabi twaħħar. Is-sena l-oħra (1931) chellna ġlata kawwija żbieħ il-Gimgħa l-Cbira, li ħabtet fil 25 ta' Marzu. Il-ġlata tidher fil għodu cmieni, ftit kabel tluħ ix-xemx, u l-ħsara ssir malli titla' ix-xemx, li tixxotta l-ġlata f'ħabta' u sabta', u b'hecc taħrak il-ħaġa u tnixxifha. Biex tiffaċċa l-ġlata irid is-sema jcun ċar u l-calma għal collox, biż-żejjed ftit tal għajbur tas-sħab, jew żiffa riħ ħafifa, biex il-ġlata ma sseħx. Biex tagħmel il-ġlata ma hemmx bżonn li jcun il bard wisk jew reżħa żejda. Biż-żejjed li t-termometru mxarrab jimmarca ftit iżjed actar fil baxx mit-termometru niexef, għax dac ifisser li l-ajru huwa xott u għandu ħajra li jirżaħ.

Il-ġlata tagħmel ħsara l-iżjed fuk il-wiċċ tal patata, għax taħrak u tnixxef il-faxxina. Tagħmel ħsara ucoll lis-silla, lill ful, lill piżelli, u lill ġlieben, u tchedd wisk jew toktol il-mixtliet bicrija tat-tadam, tal bringiel u tal bżar aħdar. Tagħmel ħsara fir-raħs tari tad-dwieli u tas-siġar, u xi drabi tnixxef il-werak u l-friegħi tal-larinġ, bħalli chiecu għad-diet lupa. Il-kamħ, ix-xgħir u l-cromb (pastard, caboċċi, ġdur), ftit ibati bil ġlata, għad li dejjem jaħbtu jinsamtu xi ftit fil cobor tagħhom. Għelejjel oħra, bħal ma huma il-bkajla, is-selk, il-pitravi, iż-żunnarija, l-indivia, il-ħass u oħrajn, jaħbtu jihmaru xi ftit bil ġlata, u xi drabi tinxfilhom il-faxxina, imma katt ma jcun hemm ħsara cbira. Il-kara' bagħli, u l-imxietel tal kara' twil xi drabi jincheddu sħieħ bil ġlata.

Xi tcun din il-ġlata? It-Taliani igħidulha *brina*, u tagħmel ħsara fir-rebbiegħa ma l-Italia collha, u l-iżjed fi Franza fuk id-dwieli bir-raħs tagħhom. Din il-ġlata tidher bħala frac irkik, jew *cristalli* tas-silġ, jew ilma magħkud, fuk il-werak u fuk il-frieghi torja, u saħan-sitra fuk il-ħaxix ħażin u fuk il-ħxielef. Donnu xi ħadd raxx il-melħ imfarrac irkik, fuk il-werak u fuk il-frieghi, u malli tmissu b'sebgħec, jew tonfoħ fuku, dan il-"melħ" jinħall u jsir ilma. Mela dana mhux ħaġa oħra ħlief nida li jaka' mill-ajru u jgħakad jew jiġġela, chif ucoll biċċa minnu huwa ilma li joħroġ bħala għarak mal-lejl mil werak, f'għodwiet tal calma, u f'loc li jkattar fl-art, bil chesħa jgħakad fuk il-werka bħala melħ malli joħroġ mil pori tal werka. Fil għodwiet tal ġlata, wakt il-chesħa ta' Jannar u Frar, jiġri li xi drabi, l-iżjed fil wileġ, u fejn hemm il-beraħ, l-ilma tal għadajjar jagħmel fil wiċċ żlieġa tas-silġ, u l-art tinchesa ucoll bil frac tas-silġ, li jċakċak bħal ħġieġ taħt is-sakajn. Dan huwa il-gelu, li nIżżiħajr l'Alla, ma tantx narawħ sicwit f'dawn il-Gżejjer, u mita jidher jagħmel ħsara akwa mil ġlata. Jiġri li culltant, f'xi xitwa kalila, f'xi għalka tħares lejn it-tramuntana, l-art tiġġela, u bil moħriet tinkala' tub oħxon, bħalli chiecu kiegħed taħrat fis-sajf; imbagħad malli titla' x-xemx dan it-tub jitfarrac waħdu u jsir trab. Mita tiġġela l-art ma hemmx ħaxixa jew siġra li ma tbatix ftit jew wisk.

Malli jinduna li waket il-ġlata taraħ il-bidwi jgħaġġel jarfa' l-ilma mil gibjet-ta, jew aħjar mil bir għax iżjed sħun, u kabel ma titla' x-xemx ibixx bih il-werak tal għelejjel li juru l-ġlata fukhom. Bil ftit tas-sħana li fih l-ilma, il-ġlata dlonc tinħall u ssir ilma, u għal

din id-darba ma saretx ħsara. Imma mhux dejjem icolloc l-ilma miegħec biex tbixx għal ġlata. u jecc l-għalka tcun cbira actarx li tilħak titla' x-xemx kabel ma tcun lestejt mill bexx, u fejn ma tilħakx tbixx it-tenna l-ħsara. Il-ġlata tista' tinżamm ucoll bid-duħħan, u għalhecc jużaw barra jlestu 'l hawn u 'l hinn, gzuz żgħar tal ħatab jew ħxielef, b'xi ftit katran magħhom, u fil għodwiet li jittennew il-ġlata, filgħodu cmieni malli jibda' jżernak *u kabel ma taka' l-ġlata*, jatuhom in-nar, u bid-duħħan li joħroġ mil ħġejjeġ il-ġlata ma takax. Tgħiduli inthom, fejn icunu jafu li sejra taka' l-ġlata. L-ewwelnett hemmhecc il-ġlata taka' wisk actar sicwit milli taka' hawn u għalhecc mita tisbaħ għodwa bis-sema ċar u bil bnazzi għal collox, actarx li jcollhom il-ġlata. Floc il-gzuz tal ħatab jużaw ucoll bħal fuklari jew cwiener tal ħadid li jaħarku il-petrolju u l-katran u jagħmlu ħafna duħħan. Għandhom ucoll strument li jgħidulu *pagoscopiu*, li fih żewġ termometri, wieħed niexef u l-ieħor mxarrab, jigifieri jcollu l-balla tal mercurju mdawra b'tajjara miblula bl-ilma. Dan l-istrument jinżamm fl-ischejjel, għall-arja, ma xi ħajt tat-tramuntana, fejn ma tasalx ix-xemx, jew b'xi tinda żgħira fuku. Fil għaxija, ma nżul ix-xemx, is-surmast jakra l-pagoscopiu, u jecc jara li jimmarca l-ġlata għal sbieħ il-għodwa, minnufih javża lis-sagristan tal-chnisja, u dan wara li jdokk l-Ave Maria, jiġbed tliet tocchi bil kampiena l-cbira u bihom icun javża l-bdiewa ta' dac ir-raħal li għal sbieħ il-għodwa hemm il-biża' li actarx taka' l-ġlata, u hecc il-bdiewa jbaccru u jbixxu l-għelejjel jew ikabbdu in-nar biex jagħmlu d-daħna.

---

# *Il-Buħarrat.*

## ( *Grillotalpa grillotalpa* [*L.*] )

(*Alfred Azzopardi, D.Sc. (Agr.), A.I.C., B.E.A.*
*Direttur tal Kasam Sperimentali u Organizzatur tal-Biedja.*)

---

Ma għandniex bżonn niddescrivu dan l-insett, għaliex il-bdiewa u specialment dawc li fir-raba' tagħhom jagħmel ħsara, jafuħ tajjeb. Ngħidu biss chelmtejn fuk il mod li jgħix, għaliex il conoxenza tal ħajja tiegħu isservina biex niccumbattuħ aħjar.

### *Biologia.*

Biologia, għal min ma jafx, tfisser discors fuk il-ħajja ta' xi ħadd, u fil cas tagħna, fuk il-ħajja tal-buħarrat.

Dan l-insett jgħix taħt l-art, generalment bejn 6 u 18 il-pulzier fond. Hawn Malta billi r-raba' huwa kasir, jgħix f'ankas fond ucoll. Minn fejn jgħaddi malajr nindunaw, billi l-wiċċ tal ħamrija jcun maksum u chemm chemm mtellgħa fejn icun immina u ħaffer il-buħarrat.

F'April u f'Mejju l-mara wir-ragel jgħammru fl-imchien u l-mara tbid minn 250 sa 300 bajda f'ħofra li l-mara tħaffer bl-għajnuna tar-ragel. Id-dud li jofkos (larvi) jicber sewwa wara sentejn. Il-buħarrat iħobb iżjed jgħix f'ħamrija ħafifa, għaliex icun jista' jimmina b'ankas xogħol. Irid ucoll ħamrija umida, mdemmla tajjeb bid-demel tal-bhejjem. Dawn il-condizionijiet isibhom f'raba' sakwi.

Il-buħarrat jgħix l-ewwelnett bil bebbux u iżjed bl-insetti li gewwa d-demel jinsabu bl-abbundanza. Imma għalchemm l-ichel tiegħu huwa l-iżjed iddud, igherrem ucoll ix-xtieli tal-egħlejjel u jkaċċat dac collu li jsib kuddiemu wakt li jcun iħaffer il-mini. Li ma chienx għal din il-ħsara li jagħmel, il-buħarrat chien icun insett meħtieġ, għaliex chien jeħlisna minn ħafna dud ieħor. Il-buħarrat hu l-istess bħal l-għasfur tal bejt, jagħmel gid għaliex jiecol l-insetti, imma jagħmel ħsara acbar, għalhecc għandna ngħamlu minn collox biex nekirdu dan l-insett. Huwa jagħmel ħsara ucoll lill patata billi jħaffirha daks ħxuna ta' lapis.

*Chif niccumbattu l-buħarrat.*

Il-buħarrat huwa wieħed minn dawc l-insetti li ma nistgħux nekerduhom għal collox, għaliex ma għandux *il-parassita* tiegħu, jigifieri dud ieħor li jgħix minnu u jekirdu—għalhecc jinħtieġ ngħamlulu guerra continua—imma jecc niccumbattuh chif jmiss, il-ħsara li jagħmel tcun wisk ċchejcna. Hemm diversi rimedji imma dawn m'humiex collha ta' min jirraccmandhom lill bdiewa. Nistgħu per mezz ta' pal injettur li naddsuh ġol ħamrija inxarrbuha bil bisolfur tal carbonju. Il-bdiewa tagħna m'għandhomx dan l-istrument u l-maniġġ tal liquidu li semmejna huwa periculuż, għaliex il-bisolfur jista' malajr jakbad bħal benzina. Il-bdiewa ta' Malta jieħdu biċċa kasba, jaksmuha min-nofs u jdaħħlu ġo fiha x-xtieli li jħawwlu fl-art; barra minn Malta jużaw floc kasba tubi tal-landa ta' żewġ pulzieri u nofs diametru u għaxar pulzieri tul; iż-żewġ rimedji huma tajba iżda jtellfu lill bidwi ħafna żmien.

Rimediu ieħor li hu tajjeb ħafna, u li hu spiss użat mill bidwi tagħna hu li cull sentejn jew tlieta jiżra' kamħ jew xgħir. Iżda b'hecc jitlef sena sakwi u għal Malta li għandna n-nukkas tal ilma, dan ifisser ħafna.

Baka' żewġ rimedji oħra li jridu ankas xogħol, u li l-bidwi jista' jużahom facilment. Il-bidwi għandu jagħmel munzell demel taż-żiemel ġol għalka, u bil-lejl il-buħarrat imur jistaħba ġo fih; il-bidwi jcun jista' jiġbru fil għodu. Mezz ieħor hu li jieħu bomblu—jecc icun bil vernic minn gewwa aħjar—mtakkab daks dawra ta' sitt ħabbiet fil ġnub b'għoli wieħed, ipoggi gewwa fih żerriegħa v-velenata, jgħaddas il-bomblu fil ħamrija b'mod li t-tokob jiġu għal livel tal mini li l-buħarrat iħaffer. Mita dan wakt li jcun għaddej jiltaka mal bomblu idur ma dwaru u fejn isib it-tokba jidħol u jiecol ta' ġo fih. Oħrajn jagħmlu borom mimlija bl-ilma u jpoġġuhom għal livel tal mini u mita jcun għaddej il-buħarrat jaka' fl-ilma u jmut. Fl-aħħar ngħarrfu lill-bidwi li iżjed ma jużа demel artificiali, il-buħarrat inkas isib condizioni tajba biex jgħix u jiżdied.

---

# *Frac.*

B'ligi li saret mil Parlament Ingliż f'Mejju li għadda, ġè ffissat gewwa l-Ingħilterra l-prezz tal kamħ ta' qualità tajba biex jintaħan għad-dkik. Dana sar għalhiex il-bdiewa Ingliżi jsibu suk mhux ħażin għal kamħ li jagħmlu. Il-prezz ġè ffissat billi l-impurtaturi tal-kamħ u taddkik jħallsu lill Gvern *quota* fuk cull kantar dkik li jimbigħ ġò l-Inghilterra. Imbagħad il-Gvern Ingliż jieħu ħsieb ikassam din il-quota bejn il-bdiewa, scond chemm għamlu kamħ fir-raba' tagħhom,

Scond ma jgħidu l-ġurnali tal biedja, din is-sena (1932) nżara' kamħ fl-Europa collha iżjed mis-sena ta' kabel, wil-prodott la hu għar u ankas aħjar mis-soltu. Għalhecc actarx li l-prezz tal kamħ jibka' chif inhu, jew jorħos xi ħaġa iżjed; u billi l-prezz ta' collox jiddependi wisk mil prezz tal kamħ, ma jidherx li hemm galbu tajjeb għal ucuħ oħra.

Iż-żrigħ tal patata ucoll chien iżjed mis-soltu fl-Inghilterra u f'pajjiżi oħra tal Europa. Il-prodott chien aħjar minn tas-sena l-oħra, u għalhecc il-pajjiżi tal Europa jcunu forniti tajjeb bil patata għal tul din ix-xitwa. Hsara għalina, u l-iżjed għal min chien fi ħsiebu isiefer il-patata tax-xitwa fil bicri.

Fil gżira ta' Man (Inghilterra) nkabad f'nassa kanfud li chien jiecol it-tigieġ. Din li kanfud jiecol it-tigieġ hija ħaġa li katt ma nstemgħet.

Wara li taħsad il-kamħ u x-xgħir, erħi t-tigieġ jirgħaw fuk il-kasbija, biex tiffranca l-ichel tagħhom, sachemm isibu xi jnakkru.

Il-ġurati kegħdin jagħmlu ħsara cbira fl-Africa collha, mil Morocc sal-Egittu, u kegħdin jagħmlu wcoll ħafna ħsara f'Cipru, fil Palestina sal Mesopotamia, chif ucoll fin-Nigeria u fl-Africa t-isfel.

Fir-raba' li huwa magħfus wisk bil bebbux jagħmel tajjeb min jitlak merħla dundjani jew papri jirgħaw kabel l-inbiet taż-żrieragħ. Dawn it-tjur jnaddfu malajr l-art mil bebbux li jagħmel ħsara cbira fin-nebbiet tas-silla u ta' għelejjel oħra.

Fil ġurnal "The Farmer and Stock-breeder" tat 12 ta' Settembru li għadda, stampat fl-Ingħilterra, hemm articolu fejn jirraccmanda li jsiru "Sparrow Clubs", jew "Circuli tal Għasafar tal Bejt", li jatu rigali għal min jakbad 'l-għasafar tal bejt li kegħdin jagħmlu ħsara wisk lill bdiewa. Fl-istess articolu hemm chif għandhom jissajru dawn l-għasafar, biex jatu platt tajjeb, bejn wieħed u ieħor chif jissajjar is-summien, u t-togħma xi ftit miżża tittaffa billi ż-żid nitfa bżar tal kartas wakt it-tisjir. Fl-istess ġurnal hemm ittri ta' bdiewa li jitolbu biex l-għasafar tal bejt jiġu mgħaduda bħal ġrieden, b-ordni li għandhom jinkerdu, għal ħsara li jagħmlu.

Fl-Istitut Nazionali għal l-istudju tal Halib, li jinsab f'Reading (Inghilterra) saru sperimenti sbieħ fuk chif il-ħalib mgħolli jħabbatha mal ħalib frisc u mhux mgħolli. L-isperimenti saru bil ġrieden;—ġrieden mitmugħin ħalib mgħolli u oħrajn mit-mugħin ħalib mhux mgħolli—u sabu li il-ħalib mgħolli tiġrilu ħsara cbira għal dic li hi sustanza tal għajxien, u li il-ħalib mgħolli ma jħabbatiex mal ħalib frisc. Is-sħana tan-nar tekred il-vitamini li jinsabu fil ħalib frisc, u għalhecc il-ħalib jonkos wisk mis-sustanza tiegħu. Dawn il-vitamini jistgħu jerġgħu jitrabbew billi tħalli l-ħalib mgħolli taħt ir-raġġi ultra-violetti għal xi żmien. Chemm chien jixrak li chiecu l-annimali jibkgħu f'saħħithom u ma jimirdux, u li jinħalbu fl-indafa biex incunu nistgħu nixorbu il-ħalib frisc u mingħajr biża' ta' mard.

# Aħbarijet tal Ministeru tal Biedja.

Fl-ewwel ta' Novembru 1932 id-Duttur Alfredo Azzopardi gie nnominat *Direttur tal oksma sperimentali (tat-tagħlim) u Organizzatur tal Biedja.* Is-Sur Azzopardi ħa il-lawrja ta' Perit fl-Università ta' Malta u il-lawjra ta' Duttur fix-Xienzi Agrari fl-*Istituto Superiore di Agricoltura* ta' Portici (Napoli) u Diploma fit-trobbija tat-tigieġ.

Fl-14 ta' Novembru 1932 is-Sur Giorgio Grech gie nnominat *Istruttur tal Viticultura (Mgħallem tax-xogħol tad-Dwieli)* għal Għawdex.

---

AVVIS.

Ingħarrfu għall-infurmazzioni tal pubblicu li il Commissioni tal Biedja fis-seduta ta' l-ewwel ta' Dicembru 1932, għażlet minn fost il membri tagħha dawn iż-żewġ cumitati, jigifieri :—

I. CUMITAT *biex jistudja u jirrapporta għandhomx jinfetħu culltant u tant wirjiet u swiek tal ħxejjex u il frott fic-centri l-actar popolati ta' Malta,* compost minn dawn is-sinjuri :

is-Sur Oscar Sammut, *President*; il Magistrat E. Bartoli, B.Lit., LL.D.; is-Sur Luigi Borg, A.I.C.; is-Sur F. M. Caruana, A.I.C.; is-Sur C. Zammit Marmarà, F.R.H.S.; is-Sur Robert Bjasini, *Segretariu.*

II. CUMITAT *biex jistudja u jirrapporta fuk l-usu li jista' jsir mill ħamrija fejn isir il bini,* compost minn dawn is-Sinjuri :—

il Magistrat E. Bartoli, B.Lit., LL.D., *President*; is-Sur F. M. Caruana, A.I.C.; is-Sur James D. Cousin, A.I.C.; is-Sur Duardu Delicata; is-Sur Oscar Sammut; is-Sur Robert Biasini, *Segretarju.*

Dawc li għandhom interess f'dawn il materji huma mitlubin ll jiccomunicaw ma xi ħadd mill membri ta' dawn il Cumitati jew mas Segretarju tagħhom:

is-27 ta' Dicembru, 1932. G. MICALLEF,
President tal Commissioni tal Biedja.

---

## AVVIŻ LIL BDIEWA.

Id-Dipartiment tal Biedja jgħarraf lill gabillotti illi xi varietajiet tal patata li in-neguzianti kegħdin ibigħu għaż-żriegħ ma hi xejn patata taż-żriegħ, imma patata cbira, mifkugħa bl-ilma, marida u mħassra.

Kabel ma tixtru il qualità li jisimha SHARPE'S EXPRESS araw tcunx mħassra u mifkugħa bl-ilma, għax allura ma tcunx tajba għaż-żriegħ.

Kabel ma jixtru u kabel ma jiżirgħu il bdiewa għandhom jaraw il patata hix tajba għaż-żriegħ, hix marida, u mħassra u jecc ma jifhmux igibu il mostra biex tigi eżaminata mid-Dipartiment tal Biedja, 24, Strada Cristoforo, il Belt.

Nfaccru lill gabillotti li cull min xtara għaż-żriegħ jew żara' patata, LI MA CHIENETX TAJBA GĦAŻ-ŻRIEGĦ għandu żmien xahar scond il ligi, biex jarġa jroddha lil min biegħhielu jew ifittxu għad-danni, JECC MITA' XTARA ID-DIFETT TAGĦHA CHIEN HEMM U MA CHIENX JIDHER.

Ngħarrfu ucoll li min irid jidħol għal Concors tal Gvern, hemm bżonn li jiżra waħda minn dawc is-sebgħa qualitajiet li hemm msemmija, basta iż-żerriegħa tcun f'saħħitha.

Tinsewx li waħda minn dawc is-sebgħa qualitajiet li huma accettati għal Concors hija il qualità romblija "UP-TO-DATE". Din il qualità hija magħrufa biż-żejjed mill-bdiewa.

Mill-Ufficciu tal Biedja, G. MICALLEF,
24, Sda. Cristoforo, il Belt. Ministru tal-Biedja.
It-22 ta' Dicembru, 1932.

## PREZZIJIET TAS-SUK GHAL BIDWI.

Il-prezzijiet huma chif ibiegħ il-bidwi, scond il-qualità tal-ħaġa.

| | £ | s | d | |
|---|---|---|---|---|
| **Uċuħ u tgħam :—** | | | | |
| Kamħ ... | £2 | 8 | 0 | il-modd |
| Maħlut ... | 1 | 15 | 0 | „ |
| Xgħir ... | 1 | 8 | 4 | „ |
| Kamħ-ir-rum... | — | — | — | „ |
| Ful ... ... | 3 | 0 | 0 | „ |
| Ġilbiena sewda | 2 | 5 | 0 | „ |
| Ġilbiena bajda | 2 | 5 | 0 | „ |
| Żofżfa ... | 2 | 7 | 0 | „ |
| Silla ... ... | — | 5 | 0 | il-ħemel |
| Widna ... | — | 2 | 6 | „ |
| Tiben ta' l-oħxon | — | 1 | 8 | „ |
| Ħarrub ... | — | 5 | 0 | il-kantar |
| **Frott :—** | | | | |
| Għeneb ... | — | — | — | il-kantar |
| Bettieħ ... | — | 8 | 4 | „ |
| Tuffieħ ta' Billudja | — | — | — | il wiżna |
| Tin frisch ... | — | — | — | „ |
| Tin niexef ... | — | — | — | „ |
| Rummien ... | — | — | 5 | „ |
| Frott irkik ... | — | — | — | „ |
| Bajtar ... | £ — | — | — | il-wiżna |
| Larinġ ... | — | — | 6 | it-tużżana |
| Lumi ... | — | — | 2½ | „ |
| Mandarina ... | — | — | 3 | „ |
| **Ħaxix u egħlejjel:—** | | | | |
| Tuffieħ tadam | — | 1 | 0 | il-wiżna |
| Bringiel ... | — | — | — | it-tużżana |
| Bżar... ... | — | — | — | il-mija |
| Kara' twil ... | — | — | — | il-wiżna |
| Kara' bagħli... | — | — | — | „ |
| Kara' aħmar | — | — | 3 | „ |
| Pastard ... | — | — | 1½ | „ |
| Cabocci ... | — | — | 7 | ix-xcora |
| Gidra ... | — | — | 5 | il-faxx |
| Crafes ... | — | — | 6 | „ |
| Pitravi ... | — | — | 4 | „ |
| Zunnarija ... | — | — | 2½ | „ |
| Kakoċċ ... | — | 1 | 9 | it-tużżana |
| Artiċokk ... | — | — | 4 | il-wiżna |
| Indivia ... | — | — | 6 | il-mezza |


# Anthony Tabona & Sons

Javżaw illi huma xerrejja tal Prodotti :—Patata, Basal, etc., u importaturi ta' Żrieragħ ta' cull xorta ta' qualità tajba—jatu creditu—javanzaw bagatelli fejn hemm bżonn u xierak.—Il-Bdiewa huma mitluba biex jirricorru għand dawn il Cuntratturi ta' l-Armata Navali.

**Minn irid jidħol għal Concors tal patata li ħareġ il Gvern, bil qualita' ROMBLIJA "Up-to-Date", imur għand A. TABONA & SONS, fejn jieħduha jew b'xiri jew bil partit, jew bil ftehim.**

61/62, Marina (Ix-Xatt tal-Belt).